MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 338/2014

**Anthony sive Tony Bileci u martu Lorenza Bileci konjugi Bileci**

**vs**

**Emanuel sive Noel Bileci u martu Josephine Bileci konjugi Bileci**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony Bileci li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Permezz ta' skrittura privata datata l-ewwel (1) ta' Novembru 2013 konkluza bejn il-partijiet, (li kopja taghha hija hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A) u li giet debitament transuntata fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Spiteri, l-atturi akkwistaw taht titolu ta' akkwist assolut fil-proprjetajiet kollha hemm dettaljati, senjatament t-trasferiment ta' sehemijiet indivizi ta': **1)** Il-gnien gewwa Mdina Road, Hal Qormi; **2)** il-Flat f'Bugibba internament mmarkat numru erbgha (4) fil-Blokk maghruf bhala "Quay Side", fi Triq Plajjet Bognor; **3)** u sehem indiviz fil-garaxx fl-istess blokka; **4)** kif ukoll sehem indiviz fil-garaxx ta' Hal Qormi fi Triq Nikol Montebello u **5)** sehem indiviz fis-showroom maghrufa bhala Frank Auto Delaer, gewwa Triq Mdina, Qormi (skond kif aktar elenkati fid-dettal fid-Dok. A) dan taht il-pattijiet u kundizzjonijiet dettaljati fl-istess konvenju fuq imsemmi.

L-Artikolu 9 tal-konvenju (Dokument A) debitament konkluz bejn il-partijiet jistipola illi l-kuntratt finali kellu jigi konkluz u ffirmat sat-tletin (30) ta' Marzu 2014.

Permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Marzu 2014 (li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B) l-atturi interpellaw u sejhu formalment lill-konvenuti sabiex jaddivjenu ghall-kuntratt finali ta' bejgh kif pattwit.

Il-konvenuti naqsu milli jaddivjenu kif premess u dan anke wara li kienu gew debitament notifikati bl-interpellanza tal-imsemmija ittra ufficcjali.

Il-kovenuti qeghdin jirrifjutaw illi jersqu ghall-kuntratt ta’ bejgh relattiv, minghajr ebda raguni valida fil-fatt u fid-dritt.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-intimati konjugi Bileci sabiex jersqu u jaddivjenu ghall-publikazzjoni tal-att notarili ta’ bejgh u trasferiment favur l-atturi tal-proprjetà u drittijiet immobiljari kollha elenkati fil-konvenju (Dok. A), ai termini tal-iskrittura konkluza bejn il-partijiet kif fuq imsemmi datata l-ewwel (1) ta’ Novembru 2013.

2. Tinnomina lin-Nutar Dottor Ian Spiteri sabiex jippubblika l-istess kuntratt ta’ bejgh u trasferiment.

3. Tiffissa jum, lok u hin sabiex jigi ppubblikat l-istess kuntratt ta’ bejgh u trasferiment.

4. Tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt fil-kaz illi l-konvenuti jonqsu milli jidhru fuq l-att finali ta’ bejgh.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali datat 26 ta’ Marzu 2014, kontra l-intimati konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, l-intimati baqghu ma wiegbux ghall-kawza.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li, minkejja li gew moghtija l-fakoltà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, l-intimati baqghu ma ghamlu xejn.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta’ din il-kawza ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jersqu ghall-publikazzjoni ta’ kuntratt ta’ bejgh ta’ proprjetà skond ma kienu ntrabtu li jaghmlu b’konvenju.

Ghandu jigi enfasizzat illi l-insenjament kostanti ta’ dawn il-Qrati jsostni li l-kontumacja ta’ parti f’kawza ma titqies qatt bhala ammissjoni tat-talbiet u jibqa’ dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova li t-talbiet tieghu huma misthoqqa.

Dan premess, f’din il-kawza dan l-oneru gie sodisfatt, kemm permezz ta’ dokumenti kif ukoll permezz ta’ xhieda viva voce. Il-konvenju huwa esibit in atti (fol. 4), bhalma hija l-ittra ufficjali li permezz taghha l-intimati gew interpellati jersqu ghall-konvenju, u d-debita registrazzjoni tal-konvenju mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba ta’ Anthony u Lorenza Bileci kif dedotta; tilqa’ t-tieni talba; tilqa’ t-tielet talba u tiffissa d-data tal-20 ta’ April 2015 fl-10.00 ta’ filghodu fil-bini tal-Qorti; tilqa’ r-raba’ talba u tahtar lill-

Avukat Josette Grech bhala kuratur ghall-eventuwali kontumaci fuq il-kuntratt.

L-ispejjez jithallsu minn Emanuel sive Noel Bileci u Josephine Bileci.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------